



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0170(COD)

10008/1/20
REV 1 ADD 1

GAF 35
FIN 520
CODEC 705
PARLNAT 129

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-effettività tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fl-4 ta' Diċembru 2020

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-23 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ressqet proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-emenda tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-effettività tal-investigazzjonijiet tal-OLAF (ir-Regolament OLAF). Il-proposta attwali hija bbażata fuq l-Artikolu 325 TFUE (proċedura legiſlattiva ordinarja).
2. Il-Qorti tal-Awdituri tat l-opinjoni tagħha Nru 8/2018 fil-15 ta' Novembru 2018¹.
3. Fis-16 ta' April 2019, il-Plenarja tal-Parlament Ewropew adottat riżoluzzjoni leġiżlattiva għal pożizzjoni fl-ewwel qari². Dik ir-riżoluzzjoni, li fiha 140 emenda, hija bbażata fuq ir-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u fuq l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u tal-Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi ddiskuta l-fajl f'għadd ta' laqgħat bejn Ġunju 2018 u Mejju 2019. Fit-12 ta' Ġunju 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti adotta mandat biex jinbdew negozjati mal-Parlament Ewropew³.
5. Saru bosta laqgħat tekniċi, kemm fiżiċi kif ukoll virtwali mal-Parlament Ewropew, minn Novembru 2019, li solvew għadd kbir ta' kwistjonijiet. Intlaħaq qbil dwar it-testi ta' kompromess u l-punti ta' prinċipju matul trilogu politiku fis-26 ta' Ġunju, segwit minn kjarifiki li saru matul xi laqgħat tekniċi oħra f'Lulju.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva t-test ta' kompromess finali fit-30 ta' Settembru 2020⁴.

¹ ĠU C 42, 1.2.2019, p. 1.

² Dok. 8570/19.

³ Dok. 10095/19.

⁴ Dok. 11108/20 + ADD1 + COR 1.

II. OBJETTIV

7. Din il-proposta għandha l-għan, primarjament, li tadatta r-Regolament tal-OLAF biex tiżgura kooperazzjoni bla xkiel bejn l-OLAF u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE), li huwa previst li jsir operattiv fil-bidu tal-2021. Barra minn hekk, il-proposta għandha l-għan li tindirizza n-nuqqasijiet ewlenin fl-effettività tal-investigazzjonijiet tal-OLAF, bħan-nuqqas ta' aċċess għat-tranżazzjonijiet tal-kontijiet tal-bank, l-ammissibbiltà tar-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF fil-proċedimenti nazzjonali, u li tiċċara ċerti dispożizzjonijiet proċedurali.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Kuntest proċedurali

8. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jiġi konkluż qbil fl-istadju tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ("ftehim bikri fit-tieni qari"). It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti l-pakkett ta' kompromess maqbul bejn iż-żewġ koleġislaturi, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.

B. Sommarju tat-titjib ewlieni

9. It-titjib ewlieni jista' jinġabar fil-qosor kif ġej:
- L-apparati li huma proprjetà privata (l-Artikoli 3(5) u 4(2) punt (a)): bis-salvagwardji legali xierqa, l-OLAF ser jitħalla jkollu aċċess għal apparati li huma proprjetà privata sal-punt li jintużaw għal skopijiet ta' xogħol u sal-istess punt bħall-awtoritajiet ta' investigazzjonijiet nazzjonali, safejn huma kkonċernati investigazzjonijiet esterni; fir-rigward tal-investigazzjonijiet interni ssir referenza għad-deċiżjonijiet adottati mill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija rispettiva;

- L-aċċess għal tranżazzjonijiet f'kontijiet tal-bank (l-Artikolu 7(3), (3a) u (3b)): instabet formulazzjoni ta' kompromess, li tillimita d-drittijiet ta' aċċess tal-OLAF għal dawk tal-investigaturi nazzjonali li għandhom aċċess għal kontijiet tal-bank;
- Il-Kontrollur ta' garanziji proċedurali (l-Artikoli 9a u 9b): intlaħaq qbil dwar funzjoni indipendenti li hija marbuta f'termini organizzazzjonali mal-Kumitat ta' Sorveljanza; l-ambitu tal-funzjoni tal-kontrollur ikopri wkoll ir-regoli applikabbli għall-investigazzjonijiet tal-OLAF, b'mod partikolari r-rekwiżiti proċedurali u d-drittijiet fundamentali; il-kontrollur jista' joħroġ rakkomandazzjonijiet lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF;
- L-aċċess għar-rapporti tal-OLAF (l-Artikolu 10 (3b)): il-persuna kkonċernata titħalla titlob aċċess għar-rapport finali tal-OLAF bil-kundizzjoni li fi żmien 12-il xahar jingħata kunsens espliċitu mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti li jwettqu l-proċedimenti nazzjonali sussegwenti;
- L-ammissibbiltà tal-evidenza (l-Artikolu 11): issaħħew l-ammissibbiltà tar-rapporti tal-OLAF bħala evidenza fil-proċedimenti amministrattivi u l-komunikazzjoni mal-OLAF dwar kwistjonijiet li jqumu b'rabta mal-ammissibbiltà;
- Standards proċedurali ogħla għall-investigazzjonijiet tal-OLAF b'appoġġ għall-UPPE (l-Artikolu 12e(3)): fuq opinjoni mill-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF, il-Parlament Ewropew talab l-applikazzjoni mill-OLAF ta' standards proċedurali li jkunu ekwivalenti għal dawk f'investigazzjonijiet kriminali sabiex jipproteġu l-ammissibbiltà tal-evidenza miġbura fi proċedimenti kriminali sussegwenti; il-kompromess li nstab jobbliga lill-UPPE jikkoopera mill-qrib mal-OLAF biex jiżgura li l-istandards proċedurali jiġu osservati, mingħajr ma jitkabbar il-mandat tal-OLAF;

- Il-kooperazzjoni bejn l-OLAF u l-UPPE (l-Artikoli 12b sa 12 g): instab kompromess li permezz tiegħu l-kunsens tal-UPPE ser ikun meħtieġ biex l-OLAF iwettaq investigazzjonijiet komplementari; l-UPPE ma jistax jibqa' sieket, iżda ma għandu l-ebda obbligu li jiġġustifika l-oġġezzjonijiet tiegħu lill-OLAF;
- Il-Kumitat ta' Sorveljanza (Artikolu 15): l-aċċess tal-Kumitat ta' Sorveljanza għall-fajls tal-każijiet tal-OLAF ġie rregolat, u b'hekk issolviet tilwima twila bejn iż-żewġ korpi;
- Ir-rappurtar ta' segwitu mill-awtoritajiet tal-Istati Membri lill-OLAF (l-Artikoli 11 u 16): ġie previst titjib sabiex l-OLAF ikun jista' jimmonitorja aħjar il-każijiet tiegħu u jidentifika n-nuqqasijiet.

IV. KONKLUŻJONI

10. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-kompromess ġust u bbilanċjat milħuq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, iffaċilitati mill-Kummissjoni. Issolvew għadd ta' punti kontenzjużi, billi tqiesu kwistjonijiet sensittivi ħafna rigward id-differenzi bejn il-proċeduri kriminali nazzjonali u l-istrutturi investigattivi tal-Istati Membri tal-Unjoni. Iż-żewġ għanijiet tal-emenda tar-Regolament OLAF inkisbu: il-previżjoni ta' kooperazzjoni tajba bejn l-OLAF u l-UPPE, kif ukoll it-titjib ta' għadd ta' aspetti proċedurali biex l-OLAF ikun jista' jwettaq investigazzjonijiet b'mod aktar effettiv.